MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 145/1999/1

**Grezzju u Rosaria konjugi Magro**

**v.**

**George u Josephine konjugi Sladden**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**
**<u>IC-CITAZZJONI TA' L-ATTURI</u>**
1. L-atturi pprezentaw citazzjoni fil-21 ta' Jannar 1999, li permezz taghha huma wara li ppremettew illi huma jiddetjenu b'titolu ta' qbiela r-raba' maghrufa bhala "ta'

Sandrina”, fi Triq San Anard, limiti ta’ Haz-Zabbar u peress li wara li l-konvenuti akkwistaw l-istess raba’ huma qabdu u abbusivament dahlu fl-istess raba’ li jikkomprendi fih ukoll kamra rurali u vaska u impedew lill-atturi milli jkomplu jahdmu l-istess raba’ ghal aktar minn zewg staguni kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi biex jirriprendu l-pussess ta’ l-istess raba’, l-atturi kellhom jaghmlu kawza ta’ spoll privileggjat li spiccat b’ezitu favorevoli ghalihom b’sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tad-29 ta’ Mejju 1998, u peress li l-konvenuti talbu proroga tat-terminu li fih kellhom jizgumbraw mill-imsemmi raba’ sal-15 ta’ Awissu 1998, liema proroga nghatat lilhom mill-istess Qorti ta’ l-Appell b’riserva tad-drittijiet ta’ l-atturi li jfittxu ghad-danni; illi bhala rizultat tal-fatt illi l-atturi gew ghal aktar minn zewg staguni privi milli jahdmu l-imsemmi raba’ li hu font importanti ta’ l-ghixien taghhom bhala bdiewa, huma sofrew danni konsiderevoli konsistenti f’telf ta’ qliegh, zerriegha u demel, li ma setghux jintuzaw, ilma li ttiehed mill-konvenuti u danni ohra kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi l-konvenuti interpellati ufficjalment biex jersqu ghal-likwidazzjoni bonarja u hlas ta’ dawn id-danni, baqghu inadempjenti; talbu li din il-Qorti:

[1] tiddikjara u tiddeciedi li bil-fatt li okkupaw ir-raba’ ta’ Sandrina, limiti ta’ Haz-Zabbar imqabbla lill-atturi abbusivament bejn il-11 ta’ Novembru 1996 u l-15 ta’ Awissu 1998, u b’hekk ipprivaw lill-atturi mill-uzu u mill-qliegh ta’ l-istess raba, il-konvenuti gew li kkagunaw danni lill-istess atturi;

[2] li din il-Qorti tillikwida dawn id-danni okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

[3] tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi dik is-somma li tigi likwidata in linea ta’ danni kif fuq inghad bl-imghax legali mid-data tac-citazzjoni.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI</u>**

2. Il-konvenuti eccepew hekk:

[1] illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhuwiex minnu illi l-atturi jiddetjenu r-raba’ in kwistjoni b’titolu ta’ qbiela;

[2] illi r-raba' in kwistjoni hija okkupata mill-atturi abbusivament u fil-fatt giet prezentata kawza fil-Bord tal-Kera, rikors numru 21B/98 fl-ismijiet inversi, sabiex il-konvenuti odjerni jigu awtorizzati jirriprendu pussess ta' l-ghalqa in kwistjoni stante illi din tinstab okkupata mill-atturi odjerni minghajr titolu validu fil-ligi;

[3] illi l-konvenuti ghalhekk ma humiex responsabbli ghal kwalsiasi danni li l-atturi setghu batew b'rizultat ta' l-azzjoni tal-konvenuti.

**IS-SENTENZA APPELLATA**

3. B'sentenza tat-2 ta' Ottubru 2002, l-ewwel Qorti cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, laqghet it-talbiet attrici u konsegwentement ikkundannat lill-konvenuti jhallsu lill-atturi in linea ta' danni kif fuq inghad is-somma ta' tlett elef u hamsa u erbghin Lira Maltin u hamsin centezmu (LM3,045.50), bl-ispejjez tal-kawza.

**L-APPELL TAL-KONVENUTI**

4.0 Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati b'din is-sentenza u interponew appell minnha fuq l-aggravju segwenti:-

4.1 Illi l-ewwel Qorti sostniet illi l-azzjoni ta' l-atturi kienet ibbazata fuq il-provvediment ta' l-Artikolu 1033 tal-Kap. 16 u la darba f'Novembru tal-1996, meta sehh l-ispoll, l-atturi kellhom il-pussess ta' ghalqa in kwistjoni, huma kienu ghalhekk protetti mil-Ligi fid-detenzjoni.

4.2 Illi l-ewwel talba fic-citazzjoni hija sabiex din il-Qorti tiddikjara illi l-konvenuti bil-fatt li okkupaw ir-raba' in kwistjoni "imqabbla lill-atturi", abbusivament bejn il-11 ta' Novembru 1996 u l-15 ta' Awissu 1998, u b'hekk ipprivaw lill-atturi mill-uzu u mill-qliegh ta' l-istess raba', jew ikkagunaw danni lill-istess atturi. Ghalhekk wiehed mill-ewwel punti li kellu jigi stabbilit kien jekk, fil-fatt, l-atturi jiddetjenux "b'titolu ta' qbiela", ir-raba' in kwistjoni kif minnhom premess. F'dan ir-rigward hija relevanti x-xiehda ta' Dr. Marco Grixti moghtija fl-24 ta' Marzu 2000, in kwantu huwa kien il-kuratur appuntat mill-Qorti ta' l-

eredita` gjacenti ta’ Pasquale de Lorenzo. Dr. Grixti spjega fix-xiehda tieghu kif ir-raba’ in kwistjoni kienet imqabbla lil certu Giovanni Fenech, li darba minnhom hadlu l-ufficju lil Grezzju Magro, u qallu li ried idawwar il-qbiela fuqu. Dr. Grixti spjega kif wara li ezamina l-posizzjoni legali, huwa informa lil Grezzju Magro, b’ittra datata 29 ta’ Novembru 1994, esebita a fol. 76 tal-process, illi ma setax jilqa’ t-talba tieghu biex iddur il-qbiela fuqu stante li ma kienx membru dixxendenti lineari tal-bidwi originali Carmelo Demanuele, ai termini tal-Kap. 199 tal-Ligijiet ta’ Malta. Dr. Grixti spjega kif fil-fatt Giovanni Fenech qatt ma nfurmah li kien ser jirrinunzja l-qbiela. Sar jaf wara, meta saret kawza ta’ spoll bejn Magro u Sladden, illi Magro beda jiddeposita l-qbiela l-Qorti. Dr. Grixti pero` ma kienx gie notifikat b’dawn ic-cedoli, in kwantu saru kontra kuraturi. Dr. Grixti ikkonferma illi huwa qatt ma rrikonoxxa lil Magro.

4.3 Illi fil-kawza saret riferenza ghall-iskrittura privata li saret fl-20 ta’ Settembru 1995, bejn Giovanni Fenech u Magro, fejn Fenech kien qed icedi lil Magro l-qbiela ta’ l-ghalqa in kwistjoni. Jigi notat pero:-

.i.) Li Magro u lanqas martu (ghalkemm din tigi oht Giovanni Fenech) ma jaqghux taht id-definizzjoni ta’ “membru tal-familja” li taghti l-Ligi ghall-“lineal ascendant, a lineal descendent, a widow or widower, a son-in-law, and a widowed daughter-in-law while not remarried, of the tenant”. La darba l-konjugi Magro ma jaqghux taht din id-definizzjoni tal-Ligi, l-assenjazzjoni allegata kienet projbita mil-Ligi;

.ii.) L-assenjazzjoni qatt ma giet notifikata lis-sidien jew rapprezentant tieghu, b’att gudizzjarju skond l-Artikolu 1471 tal-Kap. 16, u ghaldaqstant ai termini ta’ l-Artikolu 1471 u 1472 tal-Kap. 16. Magro ma setax jezercita kwalsiasi dritt ta’ qbiela allegatament assenjat, fil-konfront ta’ terzi, inkluz il-proprjetarju ta’ l-istess art. Billi l-kuntratt ta’ bejgh ta’ l-art favur Sladden sar fit-28 ta’ Awissu 1996, in-notifika kellha ssir lil Dr Grixti, pero` dan qatt ma sar. Fil-fatt, Dr Grixti stqarr li qatt ma kien jaf bl-assenjazzjoni allegata.

4.4 Fil-fatt kien wara li fil-kawza ta’ spoll harget li kien hemm din l-iskrittura, illi l-konjugi Sladden ipprezentaw kawza kontra Magro sabiex jigi ddikjarat illi huma qed jokkupaw l-ghalqa msemmija minghajr titolu validu fil-Ligi. Din il-kawza li kopja taghha tinsab esebita a fol. 232 u ghadha pendenti.

4.5 Illi l-appellanti ghalhekk jissottomettu illi l-atturi lanqas ghandhom titolu *prima facie* ta’ qbiela fuq l-ghalqa in kwistjoni in kwantu t-titolu li qed jikkontendu li ghandhom huwa manifestament kontra l-Ligi.

5.1 F’kwalsiasi kaz, in vista tal-fatt li l-kawza odjerna hija bbazata fuq il-kontenzjoni ta’ l-atturi li ghandhom titolu, l-appellanti umilment jissottomettu illi l-Ewwel Qorti kellha tissoprassjedi sakemm tigi deciza l-kawza l-ohra pendenti, in kwantu dik il-kawza tiddetermina jekk l-atturi ghandhomx jew le titolu fuq ir-raba’ in kwistjoni

6.1 Illi f’kwalsiasi kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellanti ma jistghux jaqblu mal-likwidazzjoni tad-danni kif saret mill-Ewwel Qorti. Il-Qorti sostniet, korrettement, illi fil-perjodu msemmi fic-citazzjoni, u cioe` bejn Novembru 1996 u l-15 ta’ Awissu 1998, ir-raba’ in kwistjoni kienet tipproduci tlett ucuh: “tnejn tal-patata tax-xitwa li kienet tinbiegh ghall-esportazzjoni, u wicc qarabaghli. Il-patata kienet tinzera’ f’Jannar ta’ kull sena u tingabar f’April ta’ l-istess sena, filwaqt li l-qarabaghli kien jinzera’ ghall-istagun tas-sajf”.

6.2 Meta giet pero` biex tillikwida d-danni, l-Qorti qaghdet fuq ix-xiehda ta’ l-attrici li t-telf mill-ucuh tal-patata u tal-qarabaghli, kien jammonta ghal tlett elef u hames mitt Lira Maltin (LM3,500) li minnhom wiehed kellu jnaqqas is-somma ta’ erba’ mija u erbgha u hamsin Lira Maltin u hamsin centezmu (LM454.50) bhala spejjez, biex b’hekk id-danni gew tlett elef u hamsa u erbghin Lira Maltin (LM3,045).

6.3 Illi bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti pero`, il-Qorti messha kkunsidrat il-prova dokumentarja esebita

mill-istess atturi, konsistenti fl-income tax returns ta' diversi snin. Ai termini tad-dokument esebit markat Dok GM2 (fol. 35) fl-1996 l-atturi ghamlu qliegh nett ta' LM3,494, filwaqt li ghas-sena 1997 il-qliegh nett, skond Dok GM1 a fol. 35 kien ta' LM2,254. B'hekk it-telf ghandu jkun ta' LM1,200 fis-sena.

6.4 Li d-differenza fil-qliegh tal-1997 kienet ta' LM1,200 biss fis-sena kienet konfermata mill-istess attrici fuq domanda ta' l-avukat difensur taghha fis-seduta tas-26 ta' Novembru 1999, fejn (a fol. 22) fuq domanda ta' l-Avukat Galea Debono: "Jigifieri intom lilkom l-'income' naqsilkom minn "three thousand" xi haga 'net' ghal "two thousand" xi haga proprju ghal dik is-sena ma kontux qeghdin tahdmu l-ghalqa", l-attrici wiegbet "Iva, ezatt; ezatt;".

6.5 Ghalhekk jekk wiehed jibbaza fuq differenza ta' qliegh ta' LM1,200 fis-sena, telf ta' tlett ucuh, ifisser telf ta' qliegh ta' LM1,200 + LM600 = LM1,800 meta wiehed jikkonsidra li f'kull sena hemm biss zewg ucuh.

6.6 Din il-figura ta' LM1,800 bazata fuq provi dokumentati u x-xiehda originali ta' l-attrici, tvarja konsiderevolment mill-figura ta' LM3,045. Inoltre, ghandu jigi osservat illi l-qliegh dikjarat ghas-sena 1996 kien jinkludi wkoll prodott minn bicca ghalqa ohra ta' cirka tomna, li tigi magenb l-ghalqa in kwistjoni, li kienet proprjeta` ta' Salvu Pulis, liema ghalqa Magro kien qieghed ukoll jahdem abbusivament fis-sena 1996. Fid-19 ta' Frar 1997, pero` Salvu Pulis biegh din l-ghalqa (fol. 196) lil Anthony Mangion (ara xiehda ta' Salvatore Pulis) u l-ghalqa giet ceduta minn Magro lis-sidien il-godda. Ghalhekk it-tnaqqis fl-1997 huwa dovut ukoll ghac-cessjoni tar-raba' ta' Pulis.

Meta wiehed jikkonsidra li l-ghalqa tal-konvenuti fiha cirka tomnejn, filwaqt li l-ghalqa ta' Pulis fiha cirka tomna, allura l-figura ta' LM1,200 tnaqqis ta' profitt fis-sena 1997, huwa dovut mhux biss ghall-fatt li l-ghalqa tal-konvenuti ma baqghetx f'idejn l-atturi, izda wkoll li l-ghalqa ta' Pulis ma baqghetx f'idejhom. B'hekk it-tnaqqis ta' LM1,200 jista'

jigi kkunsidrat bhala zewg terzi (2/3) dovut ghat-telf ta' l-ghalqa tal-konvenuti appellanti, u terz (1/3) dovut ghac-cessjoni ta' ghalqa ta' Pulis. Bhekk 2/3 x Lm1,200 iffiser li LM800 minn din il-figura kienet tirrapprezenta qliegh mill-ghalqa ta' Sladden filwaqt li LM400 kienet tirrapprezenta qliegh mir-raba' ta' Pulis. Ghalhekk il-kumpens proprju ghat-telf ta' tlett ucuh kellu jkun ta' LM800 (zewg ucuh) + LM400 (wicc wiehed) = LM1,200.

6.7 Inoltre, wiehed ghandu jikkunsidra li fuq ir-raba' il-qliegh ivarja minn sena ghal sena. Fis-sena 1995, meta skond l-atturi, huma hadmu r-raba' ta' Sladden li kienet imqabbla lil Giovanni Fenech wahedhom, il-qliegh dikjarat kien ta' LM2,654 – qliegh simili ghall-1997. Ghalhekk in realta` wiehed kellu jiehu average bejn il-qliegh tal-1995 (LM2,654) u dik tal-1996 (LM3,494) liema average hu ta' LM3,074. B'hekk jekk wiehed inaqqas mill-average ta' LM3,074 il-qliegh dikjarat tal-1997 (LM2,254) wiehed jara li t-tnaqqis fil-qliegh effettivament fis-sena 1997 kien ta' LM820. Minn dan wiehed irid inaqqas 1/3 biex wiehed inehhi t-terz li jirrapprezenta l-qliegh mill-ghalqa ta' Pulis li ukoll giet ceduta fl-1997, biex b'hekk id-differenza ta' qliegh fis-sena 1997 minhabba t-telf tar-raba' ta' Pulis kien ta' LM820 x 2/3 = LM546. Billi t-telf fil-perjodu kollu kien ta' tlett ucuh (sena u nofs) alllura l-kumpens kellu jkun ta' LM546 + LM273 = LM819.

7.1 Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuti qatt ma kellhom ibatu l-ispejjez, jew almenu l-ispejjez kollha tal-kawza, in kwantu skond ix-xiehda ta' Dr. Marco Grixti, huma kienu talbu indikazzjoni qabel il-kawza ta' x'danni kienu qeghdin jintalbu mill-atturi, izda l-atturi kienu naqsu li jillikwidaw d-danni u javzawhom bil-likwidazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, l-appellanti konvenuti talbu lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka l-imsemmija sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Ottubru 2002, billi tilqa' l-eccezzjonijiet moghtija mill-konvenuti u tichad it-talbiet attrici, jew illi tirrevedi s-sentenza moghtija mill-Prim

Awla tal-Qorti Civili billi tvarja d-danni likwidati bil-mod kif fuq spjegat, bl-ispejjez kontra l-atturi taz-zewg istanzi.

**IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TA' L-ATTURI APPELLATI**

8. L-atturi appellati wiegbu hekk:

Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u l-appell ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti appellanti, ghax l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament korrett kemm tal-punti ta' dritt kif ukoll tal-punti ta' fatt involuti.

Illi dwar l-ewwel aggravju ta' l-appellant li l-ewwel Qorti ma messhiex iddikjarat li l-appellanti kienu okkupaw ir-raba' mqabbel lill-atturi abuzivament, dan hu manifestament infondat. Tant hu hekk li l-istess appellanti qed jipprocedu quddiem il-Bord li Jirregola it-Tigdid tal-Kera tar-Raba' (u mhux il-Bord tal-Kera kif erronjament indikat fir-rikors ta' l-appell), biex jirriprendu l-pussess ta' l-istess raba'. Kieku ma kienx hemm titolu ta' qbiela, almenu prima facie, l-appellanti ma kienux jipprocedu quddiem dak il-Bord imma kienu jagixxu xort'ohra. Illi pero` l-azzjoni ghad-danni ezercitata mill-atturi appellati hija bazata fuq l-att turbattiv tal-pussess ta' l-istess raba' kommess mill-konvenuti appellanti f'din il-kawza liema att turbattiv tal-pussess kien gia` gie dikjarat u deciz mill-Prim Awla u konfermat minn din il-Qorti ta' l-Appell b'sentenza tad-29 ta' Mejju, 1998. Din l-istess Qorti ta' l-Appell, meta ddegretat rikors ghall-proroga tat-terminu biex il-konvenuti appellanti odjerni jirritornaw il-pussess lill-appellati, **espressament irriservat favur l-appellati d-drittijiet taghhom li jfittxu ghad-danni**. Bl-att turbattiv tal-pussess l-appellanti irrendew ruhhom passibbli ghall-azzjoni tad-danni odjerna u ghalhekk l-ewwel Qorti ghamlet sew li ddikjarat lill-apellanti responsabbli ghal tali danni u ghaddiet biex illikwidathom.

Illi kull konsiderazzjoni jekk ic-cessjoni tal-qbiela minn hu l-attrici apellata lill-appellati konjugi Magro hija f'din il-kawza rrilevanti ghal kollox ghax kif intqal l-azzjoni ezercitata hija bazata fuq l-att turbattiv tal-pussess kommess mill-appellanti.

Illi hu skorrett li jintqal li l-iskrittura tac-cessjoni harget biss wara l-kawza ta' l-ispoll ghax il-prokuratur Dr. Marco Grixti kien infurmat b'din u jekk hu ma nfurmax lill-appellanti meta ttrasferilhom ir-raba' in kwistjoni dan mhux tort ta' l-appellati.

Illi dwar l-aggravju li l-ewwel Qorti kellha tissoprassjedi sakemm jigi deciz jekk l-atturi appellati ghandhomx titolu validu, jintqal li talba simili qatt ma saret quddiem l-ewwel Qorti u l-appellanti baqghu ghaddejjin bil-kawza jikkontestawha pulzier, pulzier bla ma qatt remotament ivverbalizzaw xi talba simili u issa mhux il-kaz li jadducu dan l-aggravju bhala wiehed fondat.

Illi l-likwidazzjoni li saret mill-ewwel Qorti hija ekwa u gusta fic-cirkostanzi u hija bazata fuq il-provi maghmula mill-atturi appellati, liema provi ghar-rigward tat-telf ta' qliegh huma sorretti b'kopji tar-returns tat-taxxa fuq il-qliegh u ghar-rigward tad-"damnum emergens" b'kontijiet ta' l-ispejjez li huma inkorrew inutilment meta kienu ppreparaw l-ghalqa ghaz-zergha u minhabba l-agir spoljattiv ta' l-appellanti ma setghux ikomplu jahdmuha u jiehdu l-ewwel wicc li huma tilfu tul il-medda ta' zmien li damu privati mir-raba' de quo.

Illi mbaghad il-kalkoli maghmula mill-appellanti fir-rikors ta' l-appell taghhom huma effimeri u zbaljati u bazati fuq suppozizzjonijiet u allegazzjonijiet infondati. L-ewwel Qorti gustament inkludiet f'dawn id-danni s-somma ta' LM454 ta' l-ispejjez inkorsi mill-appellati inutilment biex ippreparaw ir-raba' ghaz-zergha qabel ma gew spoljati kif fuq intqal. Imbaghad it-telf ta' qliegh gie kalkolat mill-ewwel Qorti fuq il-bazi tar-returns ta' l-income tax minnhom esebiti u r-returns tal-patata konsenjata ghall-esportazzjoni li kollha gew soggetti ghall-iskrutinju ta' l-ewwel Qorti u din il-Qorti ma ghandhiex tiddisturba d-diskrezzjoni u l-kalkoli ta' l-ewwel Qorti.

Illi anke l-konsiderazzjoni bazata fuq il-fatt li parti mill-qliegh ta' l-appellanti kien gej mir-raba' li wara hadu Pulis u li ghalhekk it-telf reklamat mill-appellati kien ukoll in parti

dovut ghall-fatt li huma cedew lil Pulis parti mir-raba', hija skorretta ghax kif xehed l-istess Salvu Pulis fis-seduta tas-6 ta' April 2001, l-appellati kienu hargu mill-imsemmi raba' qabel ma hu kien bieghha lil Mangion xi **seba' snin qabel** ma kien qed jixhed, u cioe` fl-1994 u mhux bejn il-1996 u 1997 kif qed jipprospettaw il-konvenuti appellanti fil-paragrafu msemmi tar-rikors taghhom. Ghalhekk ma ghandha ssir ebda riduzzjoni fid-danni likwidati ghal din ir-raguni ghax hija ghal kollox irrilevanti ghall-perjodu in ezami.

Illi anke l-aggravju, li l-appellanti ma kellhomx ibatu spejjez ghax Dr. Marco Grixti kien talab indikazzjoni ta' xi danni kienu qed jitolbu l-appellati, huwa wkoll infondat ghaliex l-appellanti la qatt offrew u inqas u inqas ma ddepozitaw xi ammont fir-Registru tal-Qorti biex jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti mill-atturi appellati anzi baqghu jikkontestaw il-kawza b'mod serrat u qatt ma accettaw li kienu responsabbli ghal xi danni, u inqas u inqas urew li huma propensi li jhallsu jew joffru xi ammont, kif del resto ghandhom jaghmlu issa.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

9. Dan l-appell jikkoncerna kawza ta' danni in konsegwenza ta' att spoljattiv kommess mill-konvenuti appellanti fuq medda raba' posseduta mill-atturi appellati. L-ewwel Qorti laqghet it-talbiet attrici u kkundannat lill-appellanti jhallsu lill-kontroparti attrici, in linea ta' danni, l-ammont globali ta' LM3,045.50c.

10. L-appell tal-konvenuti appellanti huwa bbazat bazikament fuq tlett aggravji, jigifieri li,

(1) l-atturi lanqas ghandhom titolu prima facie ta' qbiela fuq l-ghalqa in kwistjoni; u f'kull kaz, darba li hemm pendenza fil-Qorti dwar l-istess titolu vantat mill-atturi, l-ewwel Qorti kien messha ssoprasjediet sakemm dan il-punt jigi deciz;

(2) bla pregudizzju ghas-suespost, il-likwidazzjoni maghmulha mill-ewwel Qorti in linea ta' danni kienet zbaljata u kellha se mai tkun f'ammont ferm inferjuri;

(3) il-konvenuti qatt ma kellhom ibatu l-ispejjez, jew almenu l-ispejjez kollha tal-kawza, u dan ghaliex l-atturi naqsu milli jindikaw u jikkwantifkaw id-danni minnhom pretizi qabel ma harrku lill-appellanti.

11. Dwar l-ewwel aggravju, li fil-fatt jincidi wkoll direttament fuq it-tielet aggravju surreferit, din il-Qorti jidhrilha li l-konvenuti assolutament ma ghandhom ebda gustifikazzjoni f'dak li qeghdin jillanjaw minnu.

Huwa pacifiku li, apparti l-kwistjoni tat-titolu li kemm naha u kemm ohra qeghda jew ghadha tivvanta fuq ir-raba' in kwistjoni, jibqa' impregudikat il-fatt li l-atturi kienu ottenew favurihom sentenza ta' zgumbrament moghtija kontra l-appellanti in konsegwenza ta' att spoljattiv kommess minnhom. Bhala rizultat dirett ta' din it-turbattiva, jirrizulta li l-atturi tilfu qliegh ta' flus minn dak li kienu jippercepixxu mix-xoghol fl-istess raba' ghall-perjodu indikat fl-atti, jigifieri bejn Novembru 1996 u l-15 ta' Awissu 1998. Dan mela jfisser li, indipendentement minn kwistjonijiet ohrajn bejn il-kontendenti, il-konvenuti gew passibbli ghall-hlas ta' danni versu l-atturi. Di fatti jirrizulta li biex l-atturi regghu gew integrati fil-pussess ta' l-ghalqa <u>de quo</u>, minhabba l-agir illegali da parti tal-konvenuti, huma kellhom jipprocedu gudizzjarjament u ottenew sentenza li giet ikkonfermata minn din il-Qorti, diversament komposta, fid-29 ta' Mejju, 1998. Jirrizulta, inoltre, li r-rimpussess ma sehhx qabel il-15 ta' Awissu 1998, ghar-raguni li l-konvenuti kienu talbu estensjoni taz-zmien moghti lilhom ghal fini ta' rilaxx ta' l-ghalqa, prezumibilment ghax nel frattemp huma kellhom iz-zrieragh taghhom fiha ghadhom qeghdin jimmaturaw. Ghalhekk huwa kollu inutli ghall-konvenuti li, wara li ghazlu t-triq zbaljata tar-<u>ragion fattasi</u>, jibqghu jinsistu fuq il-mankanza tat-titlu da parti ta' l-atturi – fatt li ghadu <u>se mai</u> indeterminat. Li hu zgur pero` hu li l-atturi kienu fil-pussess tar-raba' <u>de quo</u> u li l-konvenuti spoljawhom mill-istess pussess u pprivawhom minn dawk l-introjti li kienu solitament jaqilghu b'rihet ix-xoghol fl-istess raba'.

12. Fir-rigward tal-kap ta’ l-ispejjez, imbaghad, lanqas ma jidher il-kaz hawn li l-atturi kien messhom gew ippenalizzati ghar-ragunijiet moghtija mill-appellanti. Sa mill-bidunett kien jidher wisq ovvju li l-konvenuti qatt ma kellhom l-icken intenzjoni li jhallsu xi haga lill-atturi in konsegwenza ta’ l-ispoll. Sal-lum huma (i.e. l-appellanti) ghadhom fil-fatt isostnu li l-atturi ma huma intitolati ghall-ebda kumpens u, kwindi, il-Qorti ma tifhimx kif il-konvenuti ppretendew li l-ewwel Qorti kellha tiddeciedi li l-atturi jbatu l-ispejjez tal-kawza kollha, jew ghall-anqas parti minnhom.

Huwa daqstant iehor inutili ghall-konvenuti li jillanjaw mill-fatt li ma gewx infurmati tempestivament min-naha ta’ l-atturi jew minn Dr. Marco Grixti, il-prokuratur tas-sidien tar-raba’, dwar att ta’ cessjoni li kien sehh bejniethom fil-pendenza ta’ l-ispoll. Li hu rilevanti, invece, hu l-fatt li minkejja li l-konvenuti kienu ghal kollox edotti fir-rigward tal-pussess ta’ l-ghalqa, huma xorta wahda hadu l-ligi f’idejhom u kkommettew spoll a dannu ta’ l-atturi.

Ghalhekk isegwi li dawn iz-zewg aggravji, almenu kif immotivati (u dan in vista tal-fatt li l-kap ta’ l-ispejjez ser jigi effettivament rivedut ghal ragunijiet ohrajn li sejrin jissemmew aktar ’il quddiem) ma jirrizultawx li huma fondati.

13. Jibqa’ ghalhekk x’jigi determinat u rizolt it-tieni aggravju rigwardanti l-quantum tad-danni likwidat mill-ewwel Qorti.
Diga’ gie indikat supra, li l-ewwel Qorti llikwidat l-ammont ta’ LM3,045.50c u dan wara li hija bbazat ruhha maggorment, jekk mhux kwazi totalment, fuq il-prospett sottomess mill-attrici Rosaria Magro, jekk dan id-dokument jista’ tabilhaqq jissejjah prospett – hekk ara dokument a fol. 171 tal-process. Biex wiehed ikun gust ma’ l-ewwel Qorti jrid jinghad li hija qieset ukoll dokumenti ohrajn, u naturalment hadet anke kont tax-xiehda li nghatat fuq dan il-punt mill-partijiet.
14. Din il-Qorti, wara li gharblet mill-gdid il-provi kollha, fid-dawl tas-sottomissjonijiet li sarulha kemm min-naha u kemm minn ohra, hija tal-fehma li l-konvenuti ghandhom ragun in parte f’dak li ssottomettew dwar id-danni.

Bazikament dak li l-appellanti qeghdin jissottomettu – b'gustifikazzjoni fil-fehma ta' din il-Qorti – huwa li fis-sena 1996 (fol. 47, Dok RM4), l-atturi kienu dahhlu l-ammont nett ta' LM3,494 bhala qliegh, mentri fis-sena ta' wara (meta sehh l-ispoll, jigifieri) huma xorta wahda ddikjaraw li dahhlu qliegh nett ta' LM2,254 (fol. 53, Dok RM5), u allura dan ifisser li f'dik is-sena, komparata mas-sena ta' qabel, l-atturi gew li tilfu biss LM1,200. Jekk f'sena ghalhekk jinzerghu prodotti ghal darbtejn u dawn issarrfu f'telf ta' LM1,200, allura assumendo li hawn si trattava ta' pretensjoni bazata fuq tlett ucuh, isegwi li t-telf kollu kien dak ta' LM1,200 + LM600 = LM1,800 (i.e. LM600 kull ucuh) ghall-fini ta' kumpens. Mistoqsija fit-tul dwar din il-pretensjoni l-attrici Rosaria Magro ma gharfitx taghti spjegazzjoni cara u tonda hlief dik – li ghandha certa valur ukoll fir-realta` – li l-introjti kienu jvarjaw minn sena ghal ohra. Mill-bqija, ix-xiehda li tat Rosaria Magro dwar telf ta' qliegh kienet pjuttost wahda generika u vaga ghall-ahhar.

15. Fil-fehma ta' din il-Qorti, id-diffikulta` li rriskontrat l-ewwel Qorti kienet gejja mill-fatt li min-naha l-atturi ma ezitawx juru x'kienu jiddikjaraw bhala "income-tax returns" (ara dokumenti a fol. 29 sa 57) izda min-naha l-ohra, imbaghad, meta gew biex jipprezentaw prospett dettaljat tad-danni pretizi, kulma pprezentaw kienet bicca karta singola b'notamenti skarni mahzuzin fiha – ara Dok RM1, fol. 171 – u waqfu hemm! Veru li l-attrici xehdet biex tipprova tixhet dawl fuq dawn in-notamenti u tikkonferma l-veradicita` taghhom, u veru wkoll li aktar tard gew esebiti xi ricevuti, imma fl-ahhar mill-ahhar jirrizulta li l-prova tad-danni saret b'mod fjakk hafna min-naha attrici.

16. Din il-Qorti tifhem li introjti minn xoghol tar-raba' jafu jvarjaw, 'l sfel jew 'il fuq. Tifhem ukoll li trattandosi ta' prospetti dwar introjti maghmulin ghal skop ta' hlas ta' taxxa li dawn ikunu kemmxejn konservattivi! Min-naha l-ohra huwa probabbli li l-atturi, darba li sfaw ipprivati milli jahdmu l-ghalqa li minnha gew spussessati, raw kif ghamlu biex jaqilghu l-ghixien taghhom minn sorsi jew raba' iehor. Altrimenti dik is-sena kienu jispiccaw bla introjti kwalsiasi. Ghalhekk ma jkunx gust li dawn id-diversi aspetti – favur u kontra – ma jitqeghdux ukoll fil-

keffa tal-mizien. Isegwi ghalhekk li jkun ezercizzju semplicistiku wisq li wiehed joqghod u jqis biss l-"income tax returns" bhala l-unika bazi ta' introjti u ma jqis xejn aktar, kif jippretendu l-appellanti.

17. Din il-Qorti ghalhekk jidhrilha li ma' l-ammont ta' LM1,800, kalkolat fuq is-somma ta' LM600 ghal kull ucuh raba' (LM600 x 3), ghandha tizdied is-somma ta' LM100 ghal kull ucuh, u dan qed isir arbitrio boni viri. Dan ifisser li fil-kaz li ma jigux ikkonsidrati riduzzjonijiet ulterjuri minhabba ragunijiet ohra, l-atturi ghandhom jircievu bhala kumpens per saldu min-naha tal-kovenuti, dejjem in linea ta' danni, is-segwenti:
LM600 + LM100 x 3 = Total LM2,100
(Elfejn u mitt lira Maltin)

18. Fl-aggravju taghhom dwar il-quantum, il-konvenuti appellanti jaghmlu aktar sottomissjonijiet biex juru li, skond huma, fis-somma talvolta dovuta relattivament ghal qliegh nett fuq tlett ucuh ta' prodotti, iridu jsiru aggustamenti ulterjuri 'l isfel f'dak li huwa ammont. Hekk huma jsemmu li fid-dhul taghhom l-atturi inkludew l-introjtu minn prodotti li kienu jizirghu f'ghalqa ohra ta' cirka tomna bhala daqs, li kienet proprjeta` ta' certu Salvu Pulis, liema konsiderazzjoni kellha kwindi ggib tnaqqis ulterjuri ta' terz mis-somma percepibbli bhala danni. Dwar dan l-aggravju din il-Qorti, diversament mill-ezercizzju maghmul mill-ewwel Qorti, tirrileva li fil-fatt hija diga` hadet kont ta' xi ammonti li l-atturi setghu inkludew fl-istimi taghhom u kien proprju ghalhekk li hija accettat in parte l-aggravju tal-konvenuti li dak li kien realment dovut lill-atturi kienet id-differenza ta' bejn dak li kienu jaqilghu mill-prodotti li kieku ma sehhx l-ispoll u dak li effettivament dahhlu l-atturi fl-istess sena (minkejja l-ispoll). Kwindi, din il-Qorti ma jidhrilhiex li hu l-kaz hawn ta' tnaqqis addizjonali a bazi ta' dak li gie sottomess min-naha ta' l-appellanti.
19. Fl-ahharnett, l-appellanti ssottomettew ukoll li wiehed "ghandu jikkonsidra li fuq ir-raba' l-qliegh ivarja minn sena ghal sena" u taht dan l-aspett huma argumentaw li kellu allura jsir tnaqqis ulterjuri kkalkolat fuq il-medja ("average") ta' l-inkass li jsir minn sena ghal ohra. Dwar dan l-aggravju din il-Qorti jidhrilha li oltre li thoss li l-

konvenuti qeghdin hawn ifettqu eccessivament, xorta wahda hija baqghet tal-fehma li l-ammont ta’ LM2,100 li hija waslet ghalih, kif intqal aktar ’il fuq, huwa wiehed gust u ghalhekk mhux il-kaz li jsiru aggustamenti ulterjuri bbazati fuq argument merament ipotetikaw da parti ta’ l-appellanti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, tiddeciedi billi tilqa in parte l-appell tal-konvenuti, kif gie elaborat fil-korp ta’ din is-sentenza, b’dan li qeghda ghalhekk tirrifoma dik il-parti tas-sentenza rigwardanti l-quantum tad-danni u tirriducieh ghas-somma globali ta’ elfejn u mitt lira Maltin (LM2,100), filwaqt li tikkonferma fil-bqija s-sentenza appellata fil-meritu.

Dwar il-kap ta’ l-ispejjez, tenut kont ta’ dak li gie deciz, tiddeciedi, li dan ghandu jigi sopportat, relattivament ghaz-zewg istanzi, kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-konvenuti appellanti u r-rimanenti terza parti (1/3) mill-atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------